# ID-DEVOZZJONI TAL-MADONNA TAL-KARMNU F'MALTA (1600-1800)

**Mir-Rev. Dr. Valentin Borg Gusman, O.Carm.**

Fis-sekli XVII u XVIII id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu kienet fl-aqwa tagħha. 7 Papiet, minn Ljun XI sa Piju VI, kienu kważi bil-pika bejniethom min iweġġah lill-Verġni Marija taħt it-titlu tal-Karmelu. Fil-fatt, xi wħud minnhom kienu jilbsu l-Iskapular tal-Karmnu (Ljun XI,[1] Alessandru VII,[2] Klement XI[3]), oħrajn approvaw u xandru l-privileġġ Sabbatin (Pawlu V,[4] Klement X,[5] Benedittu XIV[6]), u Piju VI attribwixxa l-Pontifikat tiegħu lill-Patroċinju tal-Verġni tal-Karmelu: "*Nos Summi Pontificatus honore decorati fuimus feria quarta ... speciali cultu dicata Sacratissimae Virgini de Carmelo, ut proinde eius patrocinio supremam, quam gerimus, dignitatem acceptam referamus*".[7] Mhux ta' b'xejn, għalhekk, id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu kienet ħuġġieġa waħda, hawn Malta, fis-sekli XVII u XVIII.



*Fil-knisja tal-Karmnu, il-Birgu*

## A. KNEJJES

1. BIRGU: Fl-1611, il-Patrijiet tal-Karmnu bnew knisja u ddedikawha lill-Madonna tal-Karmnu. Damet f'idejhom sal-15 ta' Ottubru 1652, għaliex f'dik is-sena (1652) il-Papa Innoċenz X ordna, li l-kunventi li ma kellhomx reliġjużi u renti biżżejjed biex iżommu komunità formata kellhom jagħlqu. Il-Karmelitani, kontra qalbhom, kellhom iħallu dik il-knisja u l-kunvent minħabba nuqqas ta' renta biex iżommu komunità hekk imdaqqsa.[8]

1. Cf. Segerus Pauli, *Vita Simonis Angli*, c. 6, in *Speculum Carmelitanum*, II, Antuerpiae, 1680, p. 433, n. 1523.
2. Cf. Raffaele di S. Giuseppe O.C.D., *Signum salutis*, Linz, 1718, p. 626.
3. Cf. Arsenio di S. Antonio, *Impulsi di pietà*, Roma, 1704, pp. 98, 99.
4. Cf. Decretum Sacrae Inquisitionis, die 20 Januarii 1613, in *Bullarium Carmelitanum*, Romae, I, 1715, p. 62; II, 1718, p. 601.
5. Cf. *Bullarium Carmelitanum*, II, Romae, 1718, p. 596.
6. Cf. *De festis D.N.I.C. et B. Mariae Virg.*, lib. II, c. VI, nn. 4, 6, 8, 10, in *Opera omnia*, ed. Prati, t. 9, 1843, pp. 267–271.
7. Allocutio die 3 Junii 1775 Gremialibus Capituli Generalis Ordinis Carmelitarum, in *Acta Capitulorum Generalium Ordinis Fratrum B.V. Mariae de Monte Carmelo*, Romae, 1934, p. 435.
8. Cf. Valentine Borg Gusman, O.Carm., *Marian devotion in the Maltese Carmelite Province during the 17th and 18th centuries, in Marian devotions in the islands of Saint Paul (1600–1800)*, Malta, 1983, pp. 288–289.
9. Cf. Vincent Borg (Mgr.), *Marian devotions in Maltese Diocesan churches*, in *Marian devotions*, p. 150.

2. FAWWARA: Fl-1616, Ġlorma Ciantar, mart Martin Vella, kienet bniet knisja fil-ġnien magħruf bħala "Ta' Ġebel Ciantar". L-amministrazzjoni ta' din il-knisja għaddiet aktar tard f'idejn il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità, Valletta, b'wirt ta' dik il-fundatriċi. Il-Fratelli reġgħu bnew dik il-knisja madwar is-sena 1750.[9]



*Fil-parroċċa ta' H'Attard*

**B. ALTARI U FESTI**

1. ATTARD: Il-Kanoniku Carlo Cirino, minn Catania, li kien joqgħod f'H'Attard, huwa l-fundatur ta' altar iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu fil-knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal. fl-1723, dan l-altar ħa post altar ieħor li qabel kien iddedikat lil San Bartilmew. Fl-1796, Anna, mart il-kirurgu Andrea Garsin, iddotat il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, li kienet issir l-ewwel Ħadd fuq is-16 ta' Lulju.[10]

2. BALZAN: Fl-1796, l-Isqof Labini aċċetta li jsir kuntratt u titwaqqaf il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Id-donatur, kif jirriżulta mill-atti tat-12 ta' April 1796, tan-Nutar Injazju Bonavita, kien Ġużeppi Grima.[11]



*Fil-parroċċa tal-Għargħur*

3. BIRKIRKARA: Bejn l-1646 u l-1679, fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara, altar li kien iddedikat lill-Konċepiment Immakulat ta' Marija beda jissejjaħ tal-Madonna tal-Karmnu. Iktar tard S. Franġisk ta' Assisi kien jiġi meqjum fuq dan l-altar. Imma xi snin qabel l-1709, it-Terzjarji Karmelitani Nisa ta' Birkirkara għoġobhom jorqmu lil dak l-altar u għamlu fuqu kwadru tal-Madonna tal-Karmnu qiegħda tagħti l-labtu lil S. Xmun Stock. Daħħlu fih ukoll lil S. Franġisk ta' Assisi u lil Santa Agata. Meta mbagħad kienet qiegħda tinbena l-knisja parrokkjali ta' Santa Liena, huma offrew li jħallsu l-ispejjeż ta' kappella laterali ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, il-Patruna tagħhom.[12]

4. GĦARGĦUR: L-altar tal-Karmnu f'din il-knisja parrokkjali twaqqaf minn Duminku Grech ftit qabel l-1668. F'inqas minn 10 snin, sewwa sew fl-1675, Anġlu Grech ħalla legat biex tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Karmnu.[13]

10. Cf. V. Borg (Mgr.), *a.c.*, p. 150.
11. Cf. Dun Ġwann Dimech, *"Il-Knisja Parrokkjali – Tal-Karmnu"*, in *Ħal Balzan*, 39 (1978) 2–3.
12. Cf. V. Borg (Mgr.), *a.c.*, p. 151; Tonuy Terribile, *Il-bidu ta' l-artal tal-Karmnu fil-Parroċċa taż-Żurrieq*, in *Leħen il-Fratellanza tal.B.V.M. tal-Karmelu, Żurrieq*, għadd nru. 3, Lulju 1999, p. 14.
13. Cf. Mgr. Borg, p. 151. Il-legat ta' Grech biex issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu huwa mniżżel fl-Atti tan-Nutar Mattew Cauchi, tat-3 ta' Ġunju 1675.
14. Cf. Arkivju ta' l-Arċisqof, Malta, *Visitatio Pastoralis*, 1722–23, 537v; Mgr Borg, p. 151.
15. Mgr. Borg, *ib.*; Dan il-kwadru hu attribwit lil Francesco Zahra. Cf. *Malta Karmelitana*, Malta, 1951, p.n.n.

5. GUDJA: Fl-1713, Franġisku Dalli ħalla fit-testment legat favur il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Minn dokument ta' Viżta Pastorali, miżmum fl-arkivju tal-Kurja ta' Malta, jirriżulta li, fl-1723, diġà kien hemm, fil-knisja parrokkjali, altar bi kwadru tal-madonna tal-Karmnu. Dan ta' l-aħħar kellu mpittrin fih ix-xbihat ukoll ta' San Mikiel u ta' l-Anġlu Kustodju.[14]

6. GĦAXAQ: Fl-1723, id-devozzjoni tal-Madonna tal-Karmnu kienet qabdet sewwa, hekk li fil-knisja parrokkjali l-qadima l-altar laterali ddedikat lil San Rokku u San Girgor, sarlu kwadru ġdid. Fih sabet ruħha wkoll il-Madonna tal-Karmnu. L-altar imbagħad tqiegħed fil-knisja l-ġdida tal-Parroċċa, imma fl-1774 sarlu kwadru ieħor ġdid tal-Madonna tal-Karmnu.[15]

7. LIJA: Fl-1723, altar ta' San Ġużepp li kien hemm fil-knisa parrokkjali ġie ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. Kien Flaminio Galea li ħaseb għal dak kollu li kien meħtieġ għal dan it-tibdil, kif ukoll għal kwadru ġdid tal-Madonna tal-Karmnu. Iktar tard, fl-1771, anki fil-knisja tal-Kunċizzjoni tqiegħed kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-altar tal-Kunċizzjoni.[16]

8. LUQA: Għalkemm fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa ma kienx hemm altar iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu, b'danakollu kienet issir festa popolari marjana taħt it-titlu tal-Karmelu, fil-pjazza ewlenija tar-raħal. Fl-1737, kwadru tal-Madonna tal-Karmnu tqiegħed fuq l-altar ta' San Duminku. Fl-aħħarnett, fl-1768, tħalla wkoll legat għall-festa.[17]

9. MDINA: Fis-6 ta' Mejju 1659, il-Karmelitani daħlu fl-Imdina. Ma damx ma beda x-xogħol tal-knisja ddedikata lil-Lunzjata. Waħda mill-kappelli laterali hija tal-Madonna tal-Karmnu. Il-festa tal-Karmnu bdiet issir wara xahar li l-Karmelitani kien ilhom f'dik il-belt. X'aktarx li ma saritx purċissjoni esterna dik is-sena, imma fis-sena ta' wara (1660), għaliex il-Patrijiet ordnaw lill-ħaddiema biex iwaqqfu x-xogħol tal-knisja u jwittu t-triq minħabba fil-festa tal-Karmnu. Baqgħet tissemma l-festa tal-1676, għax billi l-knisja kienet lesta – kull ma kien bqaq' l-koppla – huma krew tinda kbira tal-kanvas u għattew is-saqaf biha. Bajjdu wkoll il-knisja u l-kappelli u qiegħdu l-altar maġġur, kif ukoll l-altar tal-Madonna tal-Karmnu.[18]



***Fil-knisja tal-Imdina.***

16. Cf. Vinc. Borg. *Il-knisja parrokkjali ta' Ħal-Lija*, 36–39, ikkwotat minn Mgr. Borg, p. 151.
17. Gius. Micallef (Dun), *Ħal Luqa, niesha u ġrajjietha*, 114, ikkwotat minn Mgr. Borg, p. 151.
18. Cf. Valentine Borg Gusman O.Carm., *Marian devotion in the Maltese Carmelite Province*, in *o.c.*, pp. 289–290. Il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu ta' din il-kappella tpitter minn Mattia Preti. Ħallas għalih Dr. Calcerano Mampalao Apap, li kien jieħu ħsieb dik il-kappella. Fl-1798, il-Franċiżi serqu l-ġojjelli kollha li kellha fuqha u f'rasha l-Madonna u għamlu ħsara fil-kwadru. Fl-1802, sarulu t-tiswijiet u l-irtokki meħtieġa minn Anthony Portelli.



*Fil-parroċċa Arċipretali tal-Mosta.*

10. MOSTA: Karmena Falzon ħalliet legat biex issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal. L-awtorità ekkleżjastika aċċettat dan il-legat fil-25 ta' Ottubru 1790.[19]

11. MQABBA: Ma kienx hemm altar iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu fil-knisja parrokkjali, imma fil-knisja ta' Santa Katarina kien hemm kwadru ta' din il-Qaddisa li kien iġib fih ukoll il-Madonna tal-Karmnu. Fl-1723, fuq l-altar iddedikat l-Inkurunazzjoni tal-Madonna, tqiegħed kwadru ieħor tal-Karmnu taħt dak tat-titular. Sitt snin wara (1729), kwadru ieħor tal-Karmnu sab ruħu fuq l-altar tal-Viżitazzjoni.[20]

12. NAXXAR: Fl-1634, il-kwadru li kien hemm fuq l-altar ta' Santa Katarina fil-knisja parrokkjali, kellu mpitter fih ukoll il-Madonna tal-Karmnu. Fis-7 ta' Marzu 1798, l-Isqof Labini ħareġ digriet fejn aċċetta fih legat imħolli minn Ewfemja Xeberras għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu, li kienet issir fuq l-altar li semmejna ta' Santa Katarina.[21]



*Fil-parroċċa ta' Ħal Qormi*

13. QORMI: L-Isqof Cocco Palmieri, b'reskritt tas-7 ta' Lulju 1708, awtorizza lil Ġużeppi u Katarina Bonnici li jkollhom altar fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. Kienu diġà ħasbu għar-renta ta' dan l-altar, kif jirriżulta mill-atti tan-Nutar Tumas Vella, li jġibu d-data tal-25 ta' Frar 1708. Dan l-altar ħa post l-ieħor ta' San Mattew, imma taħt il-kwadru tal-Karmnu tħalla kwadru ieħor tal-Qaddis.[22]

14. QRENDI: Skond l-atti tan-Nutar Rafel Mifsud, bid-data tas-7 ta' April 1737, Marija Formosa waqqfet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-artal iddedikat lill-erwieħ tal-Purgatorju, fil-knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal. Għal



*Fil-parroċċa tal-Qrendi*

19, 20, 21, 22, 23: cf. Mgr. Borg, p. 152.

ħabta tal-1759, tqiegħed kwadru ġdid tal-Madonna tal-Karmnu fuq dan l-altar. Fih, flimkien mal-Madonna, kien hemm impittrin San Xmun Stock u Santa Tereża, u fin-naħa t'isfel l-erwieħ tal-Purgatorju.[23]



*Fil-parroċċaKolleġġjata u Bażilika, Senglea*

15. SENGLEA: Fl-1719, Ġorġ Psaila ħalla legat biex issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Id-devozzjoni popolari lejn Marija taħt dan it-titlu kienet diġà twaqqfet fuq altar fil-knisja tal-Portu Salvu, għal ħabta tal-1700. Żgur li f'din is-sena (1700), l-Isqof Cocco Palmieri, f'Viżta Pastorali, awtorizza lill-Propostu ta' San Filippu (Oratorjan) biex ibierek lil dak l-artal. Fit-2 ta' Novembru 1722, twaqqfet Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu fuq dak l-altar. Iktar tard il-festa tal-Karmnu bdiet issir ukoll fil-knisja parrokkjali. Dun Pietru Bianchi qiegħed kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-altar ta' San Rokku. Fl-1781, ħaseb ukoll għal kull ma kien meħtieġ biex issir il-festa fuq dak l-altar.[24]



*Fil-parroċċa tas-Siġġiewi*

16. SIĠĠIEWI: Fis-6 ta' Novembru 1658, Marietta, l-armla ta' Kastald Bonello, u bintha Katarinuzza ngħataw is-setgħa li, l-altar ta' Santa Cecilja li kien hemm fil-knisja parrokkjali l-qadima, jibdlulu ismu u jiddedikawh lill-Madonna tal-Karmnu. Wara, dan l-altar ġie ttrasferit fil-knisja l-ġdida tal-Parroċċa. Fis-7 ta' Settembru 1745 twaqqfet Fratellanza f'ġieħ Marija taħt it-titlu tal-Karmelu.[25]

17. TARXIEN: Meta l-parti traversali tal-knisja ngħatat għamla ovali minn dik ta' salib, qiegħed altar ġdid f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu u l-Erwieħ tal-Purgatorju, fuq in-naħa tax-xellug ta' l-altar maġġur. Ġwann Farrugia, fit-30 ta' Marzu 1719, ħalla fit-testment legat għall-ispejjeż ta' kwadru tal-Madonna tal-Karmnu biex jitqiegħed fuq dak l-altar. Ma nafux eżatt meta bdiet issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Żgur li kienet tiġi ċċelebrata l-ewwel Ħadd fuq is-16 ta' Lulju, fl-ewwel nofs tas-seklu XVIII.[26]

24. Cf. Id., pp. 152–153
25. Cf. Id., p. 153.
26. Cf. Vinc. Borg, *Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien*, 58–60, ikkwotat minn Mgr. Borg, p. 153.

18. VALLETTA: Fl-10 ta' Ġunju 1608, tqiegħed fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu l-altar maġġur. Fuqu tqiegħed il-kwadru li juri lill-Madonna tagħti l-Labtu lil San Xmun Stock. Irridu naħsbu li mill-ewwel bdiet issir il-festa tas-16 ta' Lulju, għallinqas fil-knisja. Żgur li l-festa tas-16 ta' Lulju, għallinqas fil-knisja. Żgur li l-festa esterna bdiet issir għall-ewwel darba fl-1622, b'purċissjoni. Sal-1656 il-purċissjoni kienet issir bir-relikwja, imma mis-sena ta' wara bil-vara tal-Madonna tal-Karmnu, li kienu għadhom kif ġiebu minn barra – x'aktarx minn Ruma – il-Fratelli tal-Karmnu. Baqgħet toħroġ b'din l-istatwa, darbtejn fis-sena (16 u 23 ta' Lulju), sal-1780. F'din is-sena, ma nafux għal-liema raġuni, l-istess Fratelli tal-Karmnu tal-Belt ġabu vara oħra minn Napli. Is-sena ta' wara (1781) il-Patrijiet riedu li jkollhom statwa tagħhom u rnexxielhom. Sal-1790, bdew jinħarġu żewġ statwi tal-Madonna tal-Karmnu, dik tal-Patrijiet fis-16 ta' Lulju, u l-oħra l-ġdida tal-Fratelli fit-23 ta' Lulju. Fuq talba mbagħad tal-Fratelli (12.10.1790), tneħħiet il-purċissjoni ta' nhar l-Ottava (23 ta' Lulju), u bdiet issir minn flokha novena ta' thejjija għall-festa tas-16 ta' Lulju, bl-obbligu li l-Fratelli tal-Karmnu jieħdu sehem fil-purċissjoni. 3 snin wara, fuq talba tal-Fratelli ta' San Ġużepp (16.3.1793), il-Patrijiet aċċettaw li l-istatwa tagħhom tal-Madonna tal-Karmnu tibda tinħareġ flimkien ma' l-istatwa ta' San Ġużepp, fil-purċissjoni tad-19 ta' Marzu.[27]

19. ŻABBAR: Fl-1759, il-Madonna tal-Karmnu ħadet post San Nikola fuq wieħed mill-altari tal-ġenb tal-knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal. Il-Fratellanza tal-Karmnu kienet tieħu ħsieb taċ-ċelebrazzjoni tal-festa fuq dak l-altar. Ta' min ikun jaf, li f'Ħaż-Żabbar kien hemm id-drawwa, qabel l-1781, li f'lejlet is-16 ta' Lulju n-nies kienu jmorru jkantaw l-Litanija tal-Madonna quddiem statwa tal-Madonna tal-Karmnu, fl-inħawi magħrufin bħala *tal-coccla*. Wara mbagħad kienu jibqgħu hemm sa bil-lejl jiddevertu u jixxalaw għad-daqq ta' strumenti mużikali. B'digriet ta' l-Isqof Labini, tneħħiet din l-għamla ta' festa popolari, "biex jiġu evitati d-dnubiet".[28]



*Fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ*

20. ŻEBBUĠ: Madwar l-1708, fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, tqiegħed kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-altar ta' San Rokku. Fl-istess kwadru kien hemm impittrin ukoll San Rokku u Sant'Antnin ta' Padova. Iktar tard, fl-1736, twaqqfet il-festa tal-Karmnu, b'legat imħolli minn Ġużeppi Galea u ż-żewġ uliedu Karmena u Madalena.[29]

21. ŻEJTUN: Meta l-knisja parrokkjali l-ġdida kienet qiegħda tinbena, billi l-poplu ta' dan ir-raħal kellu devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, twaqqaf altar f'dik il-knisja b'ġieħ lill-Madonna taħt dak it-titlu, fejn fuqu kienu jiġu ssufragati l-erwieħ tal-Purgatorju. L-altar kien lest għal ħabta tas-sena 1709. Iktar tard, fl-1723, Mark

27. Cf. Valentine Borg Gusman, *a.c.*, in *o.c.*, pp. 286, 291–292; Lorenzo M. Sammut O.C., *Is-Santwarju tal-Karmnu*, Malta, 1952, pp. 19–20, 36, 72–78, 144, 188–189; Din kienet l-ewwel purċissjoni li qatt saret fil-Belt. Dokument tal-1828 jagħtina dawn it-toroq li minnhom kienet tgħaddi l-purċissjoni: Żekka, S. Mark, l-Ifran, S. Ġwann,, Merkanti, S. Kristoforu, Rjali, Teatru; cf. Kunvent tal-Karmnu, Valletta, *Libro delle Proposte*, I, 64r; II, p. 89; *Lib. Introit*, III, p. 95; IV, p. 83.
28. Cf. Mgr. Borg, p. 153.
29. Cf. Id., pp. 153–154.

Antonio Caruana u martu Franġiska ħallew xi renti biex issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu.[30]

22. ŻURRIEQ: L-eqdem artal laterali ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu, fil-knejjes djoċesani ta' Malta, hu dak tal-Parroċċa taż-Żurrieq imwaqqaf minn Antonio Zammit, fl-1630. F'moħħ il-benefatturi, minn dan l-altar kellha tinxtered il-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq. Żammit haseb biex iħalli fit-testment tiegħu l-fondi meħtieġa biex tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Karmnu fuq dan l-artal. Fit-3 ta' Mejju 1747, l-Isqof ta' Malta, Paolo Alpheran de Bussan, ħallielna deskrizzjoni dettaljata ta' kif kien dan l-altar u ċ-ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru fuqu. Il-kwadru titulari ta' l-altar jirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin, flimkien ma' San Xmun Stock u San Anton Abbati. X'aktarx li dan il-Qaddis tad-deżert tpitter b'tifkira ta' Antonio Zammit, il-benefattur. Quddiem dan il-kwadru kien jinxtegħel lampier tal-fidda, u fuq l-altar kienet tiġi ċċelebrata kull nhar ta' Ħadd quddiesa letta. Quddiesa oħra kienet tiġi ċċelebrata kull nhar ta' Erbgħa b'legat imħolli minn Ġwann Abela, fid-29 ta' Ottubru 1734.

Dwar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, jissokta jikteb l-Isqof Alpheran, din kienet tiġi ċċelebrata bil-kant ta' l-Għasar u b'quddiesa kantata. L-ispejjeż kienu jitħallsu mill-fundazzjoni mħollija mill-fundatur Zammit.[31]



***Fil-parroċċa ta' taż-Żurrieq***

30. Cf. Id., p. 154. Il-legat huwa mniżżel fl-Atti tan-Nutar P. Paola Saliba, tad-29 ta' Mejju 1723.

31. Cf. Tony Terribile, *Il-bidu ta' l-artal tal-Karmnu fil-Parroċċa taż-Żurrieq*, in *Leħen il-Fratellanza tal-B.V.M. tal-Karmelu, Żurrieq*, għadd nru. 3, Lulju 1999, p. 14. It-testment ta' Antonio Zammit hu mniżżel fl-Atti tan-Nutar Domenico Camilleri, ta' l-1 ta' April 1633.